

# Fratellanza San Ġużepp

minn **Joe Mizzi**



Għall-fratellanza s-sena li ninsabu fiha, assistejna għal uħud mill-purċissjonijiet li diġà saru fil-parroċċa għal dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena. Ngħid uħud, għaliex il-purċissjoni tal-"Ecce Uomo' li soltu tgħaddi mill-inħawi magħrufa bħala ta' Ċini kif ukoll dik tal-Via Sagra li tgħaddi mill-inħawi tas-Salib, ma sarux minħabba l-maltemp. Nistgħu ngħidu li differenti għal snin oħra, il-purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri din is-sena ħarġet, it-temp ippermetta ħafna. Għal darba oħra, il-poplu tal-Qala reġa' ħareġ bi ħġaru jimxi mat-toroq tar-raħal u f'att penitenzjali kull wieħed u waħda minn dawk preżenti ssieħeb bis-salib tiegħu wara din l-Omm Addolorata.

## Statwi tal-Ġimgħa l-Kbira

Nistgħu b'wiċċna minn quddiem ngħidu li bit-tħabrik tal-Arċipriet tagħna Dun Karm Refalo u l-Kleru, waslet fil-parroċċa tagħna statwa kbira li tinkorpora fija seba' persunaġġi jew magħrufa aħjar bħala l-istatwa tad-Deposizzjoni. Statwa unika, maħduma fi Spanja b'sengħa u finezza kbira, statwa li tqanqal riflessjoni kbira għall-ġranet sbieħ tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. Din l-istatwa hija opra oħra għall-paroċċa tagħna, fejn issa tingħaqad ma' statwi oħra li ġa jinsabu fil-knisja tagħna.

L-istatwi huma kbar, sbieħ u prezzjużi. Għalhekk irid jkollhom post xieraq u addattat fejn jintrefgħu għal matul is-sena. Għalkemm fi spazju limitat, bi ftit tal-ħsieb nibtet l-ideja li fil-knisja fejn fis-snin l-imgħoddija kienet issir l-mejda tal-Appostli, issir niċċa kbira li tkun tista' tieħu l-istatwa tad-Deposizzjoni. Fil- fatt ix-xogħol tal-ġebel tan-niċċa diġà sar u nisperaw li fi żmien qasir isir l-injam tal-għeluq. Din il-parti tal-knisja ser tibda tissejjaħ l-Oratorju tal-Passjoni.

## Stediniet

L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat, Malta, għoġobhom jistiednu lill-fratellanza tagħna f' żewġ okkażjonijiet. Waħda fit-2 ta' Marzu 2003 għal quddiesa li ta' kull sena ssir fil-knisja tal-Ursolini, fi Gwardamangia. Stedina oħra kienet fl-ewwel ta' Mejju meta ħabat l-40 Anniversarju mill-Inkurun-azzjoni tal-istatwa antika devota u mirakoluża ta' San Ġużepp. Ta' min isemmi li l-membri tal-fratellanza tagħna minkejja d-diffikultajiet, dejjem jippruvaw li jattendu għall-istediniet li jkollhom minn żmien għal żmien.

## Salus Infirmorum

Għal min forsi ma semax, għall-parroċċa tagħna l-21 ta'Settembru 2003 għandu sinifikat speċjali fejn jaħbat il-130 Anniversarju mill-wasla fostna tal-kwadru ta' Salus Infirmorum. Huwa kwadru li fuqu hemm impitter il-Madonna bil-Bambin f'idejha fejn qiegħed f'post prominenti fil-knisja tagħna. Ta' min jsemmi wkoll li sa minn żmenijiet antiki, il-poplu tal-Qala, Għawdxi kif ukoll dak Malti dejjem irrikorrew lejn din l-Omm tagħna tas-sema fejn talbuha għall-fejqan tagħhom infushom, ta' wliedhom jew ta' xi ħadd minn qrabathom. Ma jonqsux ukoll numru kbir ta' nies li għal raġuni jew oħra jiġu jitolbu f'riġlejn din l-Omm tas-sema. Wara kollox ma tmurx f'xi dar, sptar, mezzi tat-transport li ma tarax din ix-Xbieha hekk devota. Mela l-appell tiegħi huwa li f'din id-data, kulħadd bi ħġaru jiġi jimxi u jitlob xi grazzja speċjali lil din l-Omm tas-sema meqjuma taħt it-titlu "Salus Infirmorum".

## Il-Festa Magħna

Bħal diversi drabi oħra kull meta sar appell għall-għajnuna kemm finanzjarja kif ukoll materjali bħal ngħidu aħna fl-armar tat-toroq, dwal, f'attivitajjiet li jsiru fuq barra, anki l-armar tal-knisja tagħna għal żmien il-festa dejjem sab nies ta' qalb tajba, li b'qalb kbira li jkunu lesti li mill-ftit ħin liberu, bil-mezzi li jkollhom, b'intenzjoni disinteressata u b'sagrifiċċju personali jwettqu x-xogħol meħtieġ.

L-aħħar appell tiegħi hu li fil-parroċċa tagħna nagħmlu festa li tkun tixraq lill-qaddis patrun tagħna San Gużepp, fejn nattendu bi ħġarna għall-funzjonijiet tal-knisja, niftakru wkoll f'dawk ħutna li huma fil-bżonn aktar minna. Nawgura li fl-attivitajjiet li nagħmlu nkunu dejjem oriġinali u meqjusa bħal dejjem, ħalli jkun jista' joħroġ il-ġid. Nixtieq infakkar ukoll lill-ġenituri li għaż-żmien tal-festa jagħtu kas aktar ta' wliedhom u jwissuhom biex ma jagħmlux affarijiet li jistgħu jġorru konsegwenzi koroh wara.

Nixtieq lil kulħadd il-festa it-tajba lill-kleru, u l-poplu tal-Qala, lill-emigranti li jiġu jqattgħu ftit tal-jiem fostna kif ukoll lil dawk id-devoti Gużeppini mxerrda ma' kullimkien fostna għall-festa ta' dan il-Kbir Gużeppi Tagħna. Viva l-Manjus. ■